MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 180/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Bonnici)**
**(Spt. Noel Cutajar)**
**Vs**
**Noel Frendo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'xi hin bejn il-hamsa ta' wara nofs inhar ta' nhar is-27 t'Ottubru, 1998 u t-tmienja ta' filghodu ta' nhar it-28 t'Ottubru, 1998, minn razzett maghruf bhala "Farm House" li jinsab sitwat f'Notabile Road, H'Attard :
1) ikkommetta serq ta' zewg snieter, ta' telephone sett kontenenti ammont ta' muniti ta' flus, aktar minn elf skartocc tal-kacca w affarijiet ohra ghad-detriment ta' George Gatt mill-Mosta w Philip Busuttil miz-Zurrieq, liema oggetti u flus ghandhom valur globali ta' iktar minn mitt lira Maltin (LM100) izda inqas minn elf lira Maltin

(LM1000), u liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin, lok, valur u vjolenza;
2) fl-istess granet, hin, lok u cirkostanzi, kkommetta hsara volontarja fuq zewg vetturi, oggetti w partijiet ohra ta' l-istess fond, ghad-dannu ta' l-istess persuni, liema hsara volontarja tammonta ghal iktar minn hamsin lira Maltin (LM50) izda ghal inqas minn hames mitt lira Maltin (LM500;
3) fl-istess granet, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamel delitt ta' serq, kellu fuq il-persuna tieghu arma/i tan-nar, arma/i regolari, imitazzjoni ta' arma/i tan-nar jew imitazzjoni ta' arma/i regolari;
4) fl-istess granet, hin, lok u cirkostanzi, huwa zamm u garr arma/i tan-nar, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
5) fl-istess gurnata, lok, hin u cirkostanzi w fil-granet ta' wara, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom (cioe' oggett jew oggetti misruqa minn razzett maghruf bhala "Farm House", sitwat f'Notabile Road, Attard, liema oggett jew oggetti nsterqu f'xi hin bejn il-hamsa ta' filghaxija ta' nhar is-27 t'Ottubru, 1998 u t-tmienja ta' filghodu ta' nhar it-28 t'Ottubru, 1998);
6) sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali meta huwa kien diga' nstab hati w ikkundannat ta' diversi reati, liema reati nstab hati taghhom mill-Qorti Kriminali ta' Malta b'sentenzi ta' nhar is-7 t'April, 1995 u nhar l-4 ta' Gunju, 1997 rispettivament, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;
7) ikkommetta reat ta' serq aggravat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti Kriminali nhar l-4 ta' Gunju, 1997.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Gunju, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 261, 267, 279, 325, 289, 49, 50, 28(A) sa 28(H) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 3, 9, 19, 26, 27 tal-Kapitolu 66 kif sostitwita bil-Kap. 480, sabet lill-appellant mhux hati tal-hames akkuza illi hija sussidjarja ghall-ewwel akkuza w minnha lliberatu izda

sabitu hati ta' l-ewwel, tat-tieni, tar-raba', tas-sitt u tas-seba' akkuza w ikkundannatu ghal sena prigunerija waqt li rrendiet operattiva s-sentenza sospiza datata ta' l-4 ta' Gunju, 1997 fejn l-appellant gie kkundannat ghal xahrejn prigunerija biex b'hekk l-appellant gie kkundannat b'mod globali ghal erbatax (14)-il xahar prigunerija kif ukoll ordnatlu jhallas l-ispejjez ghal perizji inkorsi f'din il-kawza.
Inoltre l-Qorti rrakomandat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li jawtorizza lill-appellant ikompli jsegwi programm ta' "rehabilitation" kontra d-drogi fi hdan is-Satu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta' Gunju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma li l-appellant m'huwiex hati tal-hames akkuza w tilliberah mill-ewwel, tieni, tielet, ir-raba', l-hames u s-sitt akkuzi u, fin-nuqqas, taghti sentenza aktar ekwa w gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- Li l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Hi rabtet lill-appellant mas-serqa minhabba tlitt fatturi: 1. Li instab nuccali tax-xemx fuq ix-xena tad-delitt; 2. Li nstabet *footprint* fuq ix-xena tad-delitt u 3. Li nstabu s-senter u l-iskratac fid-dar tieghu. Dwar in-nuccali tax-xemx din il-prova tilhaq biss sal-grad tal-possibbli ghax seta' kien u seta' ma kienx tal-appellant. Il-*footprint* hi prova li wiehed ma jistax jorbot fuqha w ma tilhaqx il-grad tal-prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. Il-fatt li nstabu s-senter u l-iskratac god-dar l-appellant, jekk stess jaghti lok ghall-applikazzjoni tat-teorija tar-"*recent possession"* jigi li l-appellant instab hati hazin ghax imissu nstab hati taht l-artikolu 286 tal-Kodici Kriminali. Din it-teorija tinkwadra ruha meta l-pussess ikun immeddjat jew vicin hafna. Imma f' dan il-kaz instab ftit gimghat wara s-serqa. Mhux car ghax l-Ewwel Qorti skartat l-akkuza ta' ricettazzjoni.

Finalment, il-piena erogata mhux ekwa w gusta meta wiehed iqis li l-kaz sar ghaxar snin ilu w l-Ewwel Qorti naqset li tiehu dal-fattur in konsiderazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-appell hu bazat fuq l-apprezzament hazin tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia*" l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .

"Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very *reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the*

*witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.”* (Ara wkoll BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Ghalhekk din il-Qorti regghet ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti fil-process w tal-motivazzjoni kontenuta fis-sentenza appellata biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar ir-reati ta' serq aggravat, hsara volontarja, pussess ta' arma tan-nar fil-hin li ghamel delitt, li zamm u garr arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva w li kkommetta reat waqt il-periodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti tal-kaz kif jirrizultaw mill-provi traskritti huma fil-qosor is-segwenti :- Kienet saret serqa ta' armi mill-garage ta' George Gatt fit-28 t' Ottubru, 1998. Skond dan Gatt u Philip Busuttil, jum qabel u cioe' fis-27 t' Ottubru, 1998, kien mar ghandu l-appellant Noel Frendo ma zaghzugh iehor, biex dan tal-ahhar jixtri mutur. Dak in-nhar Frendo, li kien liebes nuccali tax-xemx iswed imgebbed, gie osservat li beda jgharrex 'l u 'l hinn fil-garage. Wara s-serqa nstab l-istess nuccali tax-xemx iswed, jew wiehed bhalu fil-parti ta' wara tal-garage minn fejn sar l-isgass ghal gewwa l-garage. Instabet ukoll *"footprint"* ta' zarbuna fuq xi vetturi li halliet marka qiesha ta' ajkla u "stars and stripes" tal-bandiera Amerikana (ara fotografija a fols. 41 u267 tal-process). Inqas minn xahar wara s-serqa il-Pulizija tad-*drug squad*, waqt *search* li ghamlu fir-residenza tal-appellant, fil-fond 362, Main Street, Mosta, sabu senter isserrat tal-marka Benelli, serial number 2984 ikkargat b' erba' boroz skratac u *revolver* tal-ghamla *"Bulldog"*. Dan is-senter isserrat kien

jappartjeni lil Philip Busuttil u kien ghand George Gatt meta twettqet is-serqa. Skond ix-xhud Jesmond Vella, l-appellant kellu zarbun bil-marka specjali bhal dik fuq il-fotografija fuq imsemmija li sahanstira l-appellant kien jiftahar bih u x-xhud gharaf din il-marka tal-*footprint* fuq ir-ritratt a fol. 41.

L-Ispettur Pio Pisani kkonferma l-identifikazzjoni tal-appellant bhala l-hati fis-sentenza Dok. Z (fol. 171). L-Ispettur Ray D' Anastasi kkonferma l-identita' tal-appellant ghar-rigward tas-sentenza l-ohra esebita (Dok. Z1) (fol. 218) u WPC 77, Joanne Mamo kkonfermat li l-appellant ma kellux licenzja sabiex izomm armi tan-nar. Kien hemm umbaghad numru ta' xhieda ohra w esperti li ddeponew jew irrelataw dwar diversi fatturi bhad-danni, impronti digitali, eccetera.

Fl-istqarrijiet tieghu, l-appellant kien innega li kien involut fis-serqa w li meta kien mar ma certu Bulgaru ghand George Gatt biex il-Bulgaru jixtri xi mutur hu ma kellux nuccali tax-xemx. Kien qal ukoll li hu kien xtara s-senter isserrat tal-marka Benelli minghand persuna mhux maghrufa bi prezz ta' tletin lira Maltin flimkien ma l-iskratac u li kien nesa jinforma b' dan kollu lill-Pulizija. Dwar in-nuccali, l-appellant l-ewwel beda biex qal li ma kellux nuccali tax-xemx iswed tal-plastic (fol. 45) izda ftit wara qal li kien qalilhom lill-Pulizija li kellu nuccali iswed, li sa dak in-nhar ma kienx sabu w zied jghid: *"anzi qieghed niftakar li id-dar"* (fol. 46) Meta umbaghad l-appellant mar mas-Surgent Taliana ghal dan in-nuccali tax-xemx, hu ta lis-Surgent nuccali tax-xemx tal-hadid li l-istess appellant kien qallu li ma kienx in-nuccali tax-xemx li kien qed jirriferi ghalih u li kien liebes meta kien mar ghand George Gatt fis-27 t' Ottubru, 1998.

Ghab-bazi ta' dawn il-provi l-Ewwel Qorti kkonkludiet li kien l-appellant li wettaq is-serqa taz-zewg snieter u munizzjon flimkien ma oggetti ohra mir-residenza ta' George Gatt u li dan kien johrog b'mod lampanti mic-*circumstantial evidence* tal-kaz u mix-xhieda tal-prosekuzzjoni w senjatament minn dik ta' P.S. Taliana w ta' Jesmond Vella. Mill-banda l-ohra fl-istqarrijiet tal-

appellant kien hemm diversi inkonsistenzi. L-Ewwel Qorti mbaghad strahet fuq it-teorija tar-*recent possession* kif inkorporata fil-gurisprudenza nostrana w dik Ingliza.

L-appellant ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti w lanqas ressaq provi .

Ikkonsidrat;

Illi anki jekk, kif issottometta l-abbli difensur, il-prova indizjarja fornita mis-sejba tan-nuccali tax-xemx u tal-footprint tista' ma tkunx wahda univoka w allura wiehed ma jistax jistrieh fuqha biex isib htija, l-Ewwel Qorti ma strahitx fuq dawn biss izda bbazat hafna mill-konsiderazzjonijiet u motivazzjoni taghha fuq it-*theory of recent possession.*

Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et."**[26.8.1998]); it-teorija Ingliza "*of unlawful possession of recently stolen goods*" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' *"law of evidence"* il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti.

F' dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-**Archbold** : Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126):-

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from* ***Cross on Evidence*** *, 5$^{th}$. ed., p.49 (now 8$^{th}$. ed.., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner*

*in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*"Every case depends on its own facts. ….It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence."* (sottolinear ta' din il-Qorti). (ara wkoll App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Richard Spiteri"** [31.8.2006];

Ikkonsidrat;

Illi fid-dawl ta' dawn il-principji ta' dritt, din il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti setghet ikkonkludiet legalment u ragjonevolment li, mill-provi fuq riprodotti, partikolarment mis-sejba tal-oggetti misruqa fid-dar tal-appellant fi zmien ragjonevolment qasir wara s-serqa w mill-provi indizjarji l-ohra kollha li l-appellant kien hati tas-serqa aggravata, tad-danni volontarji, li ghal-fini ta' piena ikunu assorbiti fl-akkuza ta' serq skond l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali kif ukoll tar-reati l-ohra u l-addebiti tar-recidiva u tal-kommissjoni ta' reati waqt it-terminu operattiv ta' sentenza soispiza.

Ghalhekk l-aggravju dwar il-mertu qed jigi respint.

Illi dwar l-aggravju dwar il-piena erogata, kif gie dejjem ritenut, din il-Qorti ma ghandhix tiddisturba id-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti sakemm il-piena  tkun taqa' entro il-parametri dettati mill-ligi u ma tkunx manifestament sproporzjonata. Certament li f' dan il-kaz, konsidrata l-fedina penali ultra refrattarja tal-appellant, ir-recidiva u l-kommissjoni ta' reat waqt il-periodu operattiv ta' sentenza sospiza, l-piena anzi kienet wahda miti zzejjed.

Hu minnu li dan il-kaz ha tul ta' zmien esagerat biex gie deciz u li dan id-dewmien jidher li kien attribwibbli xi kull tant ghall-prosekuzzjoni w ghall-differimenti bla bzonn moghtija mill-Qorti, pero' in gran parti ghall-appellant innifsu. Bizzejjed jinghad li apparti assenzi ripetuti tal-appellant, mid-data tas-6 ta' Novembru, 2002, meta l-Avukat Generali baghat l-artikoli lill-Ewwel Qorti sad-data tas-sentenza appellata, fit-2 ta' Gunju, 2008, **PERIODU TA' KWAZI SITT SNIN**, ma sar xejn ghax l-appellant dejjem ser iressaq il-provi tieghu w spicca qatt ma ressaqhom!

F' kull kaz pero' it-trapass taz-zmien ma jnaqqqasx ir-responsabbilta' kriminali tal-appellant u l-fatt li hu jrid jaghmel il-kontijiet tieghu mas-socjeta'.  Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Krminali **"Il-Pulizija vs. Nicola Farrugia et"** [2-10-2002]

*"Il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-hati (ara* ***. "Ir-Repubblika ta' Malta  vs. Joseph Attard"*** *[24.7.2000] )  u* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Attard u Angelo Attard"*** [*24.7.2000]  )*

*Jista' pero ' f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena  kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u  kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta  fil-kawza "Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi" (29.1.2001) ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il-piena  ma kienux limitati biss  ghal dik tat-trapass taz-zmien  imma kienu ukoll bazati fuq motivazzjoni ohra.*

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."*

Illi f'dan il-kaz, mhux talli l-appellant ma zammx lura mill-ksur tal-ligi w ma weriex impenn biex jirriforma izda sahansitra fil-mori tal-kawza instab hati mhux inqas minn erbatax il-darba mill-Qrati ta' reati serji minnu kommessi waqt u fil-mori ta' dan il-process. Dawn ir-reati kienu jvarjaw minn kazijiet ripetuti ta' serq aggravat, pussess u spacc ta' droga eroina w reati kontra l-ligijiet tat-traffiku. Ghal dawn ir-reati l-appellant gie sentenzjat tmin darbiet ghall-piena karcerarja effettiva w hames darbiet ghall-piena karcerarja sospiza jew sospiza imgedda, apparti multi w liberazzjonijiet kondizzjonati. Ghalhekk it-trapass ta' zmien li mill-maggor parti kien dovut unikament ghall-appellant u d-difensuri tieghu - mhux dak prezenti - zgur li f' dan il-kaz ma jista' jwassal ghall-ebda tnaqqis fil-piena ghaliex dan gie biss utilizzat minnu biex ikompli jikser il-ligi.

Umbaghad, anki kieku trid, din il-Qorti hija prekluza mill-artikolu 28A (7) (b) milli tapplika fil-konfront tal-appellant id-dispozizzjonijiet tas-sentenza sospiza, w dana ghaliex huwa gie misjub hati tal-addebitu tar-recidiva a tenur tal-artikolu 50 tal-Kap.9 .

Inoltre peress li l-appellant instab ukoll hati taht l-artikolu 3 (1) tal-Kap.66 (L-Arms Ordinance), skond id-dispozizzjoni tal-Art. 27 tal-istess ligi, citat ukoll mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-Qorti hija prekluza milli tapplika d-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation ta' Hatjin u ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali fir-rigward tar-reati taht dik l-Ordinanza. Inoltre l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tirrendi operattiva s-sentenza sospiza tal-4 ta'

Gunju, 1997, fejn l-appellant kien gie kundannat ghal xaharejn prigunerija.

Stabiliti dawn il-parametri li jirregolaw lil din il-Qorti fl-applikazzjoni tal-piena jibqa' biss il-possibilita' tal-piena karcerarja erogata mill-Ewwel Qorti, li - kif gja intqal - kienet wahda mill-aktar miti fic-cirkostanzi w din il-Qorti ma thoss li ghandha b' xi mod tigi mnaqqsa ulterjorment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------